5. Il-ħames motiv ibbażat fuq sanzjoni sproporzjonata.

---

**Rikors ippreżentat fl-24 ta' Awwissu 2017 – Mas Que Vinos Global vs EUIPO – JESA (EL SEÑORITO)**

**(Kawża T-576/17)**

(2017/C 357/34)

*Lingwa tar-rikors: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Mas Que Vinos Global, SL (Dobarrios, Spanja) (rappreżentant: M. Sanmartín Sanmartín, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Jose Estevez, SA (JESA) (Jerez de la Frontera, Spanja)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Applikant għat-trade mark kontenzjuża:* ir-rikorrenti

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* trade mark verbali tal-Unjoni "EL SEÑORITO" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 13 502 166

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO*: proċedimenti ta' oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata*: deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-9 ta' Ġunju 2017 fil-Każ R 1775/2016-4

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż tiegħu kif ukoll għal dawk sostnuti mir-rikorrenti.

**Motiv invokat**

— Ksur tal-Artikoli 42, 60, 63, 75 u 76 tar-Regolament Nru 207/2009 u tal-Artikolu 8(1)(b) tal-istess regolament.

---

**Rikors ippreżentat fl-4 ta' Settembru 2017 – Demp vs EUIPO (Rappreżentazzjoni tal-kulur griż u isfar)**

**(Kawża T-595/17)**

(2017/C 357/35)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Demp BV (Vianen, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentant: C. Gehweiler, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* it-trade mark ta' kulur (Rappreżentazzjoni tal-kulur griż u isfar) – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 15 439 987

*Deċiżjoni kkontestata*: id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-10 ta' Lulju 2017 fil-Każ R 1624/2016-5